MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Numru. 1039/2002

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
(Spettur Mario Tonna)
vs
Paul Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Paul Pace, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 352569(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-30 ta' Novembru 2002 u l-1 ta' Dicembru 2002 f'hinijiet differenti, gewwa San Gwann, San Giljan u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda :

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi

holoq pattijiet, dispozzizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozzizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-att jew skittura wara li kienet giet iffirmata, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw, ghad-dannu ta' Kevin Newell, Bank of Valletta plc u persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skittura falza, ghad-dannu ta' Kevin Newell, Bank of Valletta plc u persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat ghad-dannu ta' Kevin Newell, Bank of Valletta plc u persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 184 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn LM500, izda inqas minn LM1000 u dan ghad-dannu ta' Kevin Newell, Bank of Valletta plc, u persuni ohra u dan bi ksur ta' artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ikkommetta serq ta' plastic card ghad-dannu ta' Kevin Newell u Bank of Valletta plc, u dan bi ksur ta' Artikolu 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Xjentement laqa ghandu, jew kellu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikli 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-4 ta' Frar, 2003 meta kienu qeghdin isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi illi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, hlief ghas-sitt imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni u dana peress illi una volta jirrizulta s-serq dan ir-reat minnu iniffsu jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 183, 184, 284, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ikkopera ferm mal-pulizija matul l-investigazzjoni, kif iddikjara l-istess Ufficjal Prosekutur u fil-fatt irrizulta mill-istess stqarrija tieghu illi kien l-istess imputat illi appena ra lill-pulizija tahom l-oggetti kollha illi huwa xtara permezz tal-'credit card' illi kien seraq.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ma ghandux fedina penali allarmanti. Ikkunsunsidrat ukoll il-fatt illi irrizulta lill-Ufficjal Prosekutur u irrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi irrilaxxja l-imputat illi l-imputat ghamel dak illi ghamel peress illi kien jinsab disokkupat, kien wasal zmien il-Milied, it-tfal bdew jokkorbulu ghar-rigali, kien iddisprat u ghalhekk kif gietu din l-opportunita seraq il-'credit card' sabiex jixtri rigali tal-Milied ghall-uliedu.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu.

Ikkunsidrat illi l-Qorti ma tista bl-ebda mod tiggustifika l-agir tal-imputat.  Madanakollu l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghamel dak illi ghamel mhux sabiex jixtri xi droga, imma peress illi kien iddisprat peress illi kien disokkupat, uliedu bdew jokkorbu ghar-rigali tal-Milied, u kien minghalih illi setgha isolvi s-sitwazzjoni tieghu b'dan il-mod.  Il-Qorti trid tikkonsidra ukoll ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat irrizarcixxa lid-derubati u fil-fatt kif iddikjara l-istess Ufficjal Prosekutur kemm il-Bank of Valletta, kif ukoll Kevin Newell, il-persuna li lilu kienet tappartjeni l-'credit card' misruqa ma ghandhom l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta’ beneficcju ghall-imputat u ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra biex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qeghda taghmel ordni ta’ probation li permezz tieghu qeghda tqieghed lil Paul Pace taht is-sorveljanza tal-Ufficjal ta’ Probation, li ghandu jigi assenjat skond il-ligi, ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda tiddikjara li qeghda minnufih tghaddi kopja ta’ din l-ordni ta’ probation lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex wara li jikkonsulta lill-Qorti, jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu imsemmi ta’ tlett snin, kif ukoll bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jonqos milli jobdi kull ordni u kull direttiva li taghtih l-imsemmija Ufficjal tal-Probation.

--------------------------------TMIEM--------------------------------